MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2013

Citazzjoni Numru. 914/2012

**Jamar Limited**

**vs**

**Domestica Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta Domestica Limited tat-28 ta' Ottubru 2013 biex jithalla jressaq eccezzjoni ulterjuri peress illi s-socjeta attrici hi persuna differenti minn dik li kkuntratta maghha u ghalhekk is-socjeta konvenuta mhix il-legittimu kontradittur ghal pretensjonijiet tas-socjeta attrici. Din it-talba qed issir a bazi tal-artikolu 728(2) tal-Kap. 12;

Is-socjeta attrici qed topponi ghal din it-talba billi l-artikolu 728(1) jghid illi l-konvenut ghandu jipprezenta l-eccezzjonijiet dilatorji jew fil-mertu meta jipprezenta r-risposta ghal kawza u jista' jipprezenta risposta ulterjuri

biss jekk kien hemm xi fatt mohbi li ma kienx skopibbli mill-parti meta pprezentat ir-risposta.

**Ikkunsidrat**

Il-kwistjoni mehuda fil-perspettiva gusta taghha tirrigwarda essenzjalment l-illegitimita tal-persuna tas-socjeta attrici u n-nuqqas ta' interess guridiku tal-istess. Din il-Qorti taghmilha cara li mhix ser tidhol fil-mertu ta' din il-kwistjoni izda jekk tistax tali eccezzjoni tigi sollevata f'dan l-istadju.

Illum hu pacifiku illi l-eccezzjoni tal-interess guridiku u illegitimita tal-persuna huma eccezzjonijiet perentorji li joqtlu l-azzjoni fil-konfront ta' min tkun saret. Bhala tali huma sollevabbli f'kull stadju tal-proceduri anki waqt il-kors ta' appell kif ukoll huma ta' portata tant serju fuq l-ezitu illi jistghu jigu sollevati ex officio mill-Qorti. Il-konsiderazzjoni magguri hi li l-partijiet ikollhom l-opportunita li jgibu provi u jaghmlu sottomissjonijiet ghar-rigward. Ara f'dan is-sens **Kunsill Lokali Marsaskala vs Avukat Generali** (QK 28/06/2012); **Anthony Bezzina noe vs Direttur tal-Kuntratti et** (App Civ 27/03/2009); **Veronique Amato Gauci et vs Mario Zammit et** (App Inf 19/05/2004); u **Joseph Grech vs Domenico Savio Spiteri** (App Civ 25/05/2001).

**Decide**

Ghalhekk fic-cirkostanzi l-Qorti qed tilqa' t-talba tas-socjeta konvenuta biex tressaq eccezzjoni ulterjuri fis-sens mitlub minnha. Spejjez riservati.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------